



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-463/11

L
vs
M

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof Baden-Württemberg)

“Direttiva 2001/42/KE — Evalwazzjoni tal-effetti ta’ ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent — Artikolu 3(4) u (5) — Determinazzjoni tat-tipi ta’ pjanijiet li jista’ jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent — Pjanijiet ‘ta’ żvilupp intern’ eżentati mill-evalwazzjoni ambjentali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali — Evalwazzjoni żbaljata tal-kundizzjoni kwalitattiva tal-‘iżvilupp intern’ — Assenza ta’ effett fuq il-validità tal-pjan ta’ żvilupp — Ħsara għall-effettività tad-direttiva”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba’ Awla) tat-18 ta’ April 2013

1. *Domandi preliminari — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Limiti — Ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali — Stabbiliment u evalwazzjoni tal-fatti tat-tilwima — Neċessità ta’ domanda preliminari u rilevanza tad-kwistjonijiet imqajma — Evalwazzjoni mill-qorti nazzjonali — Domandi manifestament irrilevanti u domandi ipotetiċi magħmula f’kuntest li jeskludi risposta utli — Domandi mhux relatati mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali*

(Artikolu 267 TFUE)

2. *Domandi preliminari — Ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali — Evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali*

(Artikolu 267 TFUE)

3. *Ambjent — Evalwazzjoni tal-effetti ta’ ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent — Direttiva 2001/42 — Obbligu għall-awtoritajiet kompetenti li jwettqu l-evalwazzjoni ambjentali qabel l-adozzjoni — Ommissjoni tal-imsemmija evalwazzjoni — Obbligu li jiġi żgurat l-effett utli tad-Direttiva — Portata*

(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/42, Artikoli 3(1), 4 u 5)

4. *Ambjent — Evalwazzjoni tal-effetti ta’ ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent — Direttiva 2001/42 — Obbligu għall-awtoritajiet kompetenti li jwettqu l-evalwazzjoni ambjentali qabel l-adozzjoni — Ommissjoni tal-imsemmija evalwazzjoni — Obbligu għall-qorti nazzjonali li jirrimedjaw għal dan — Portata*

(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/42, Artikolu 3(1))

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 28)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 29)

3. L-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2001/42/KE, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent moqri flimkien mal-Artikolu 3(4) tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li ttipprova li l-ksur ta' kundizzjoni kwalitattiva, imposta mil-liġi ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva biex teżenta l-adozzjoni ta' pjan ta' żvilupp ta' tip partikolari minn evalwazzjoni ambjentali skont din id-direttiva, ma għandu ebda effett fuq il-validità ta' dan il-pjan.

Fil-fatt, din is-sistema ċċaħħad l-effettività tal-Artikolu 3(1) tad-direttiva, li jimponi li evalwazzjoni ambjentali għandha ssir għall-pjanijiet li huma msemmija fl-Artikolu 3(3) u (4) tagħha u li jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent.

(ara l-punti 38, 45 u d-dispożittiv)

4. Meta pjan, fis-sens tad-Direttiva 2001/42, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent, kellu, qabel l-adozzjoni tiegħu, jiġi suġġett għal evalwazzjoni tal-effetti tiegħu fuq l-ambjent skont ir-rekwiżiti tal-imsemmija direttiva, il-qradi nazzjonali li quddiemhom titressaq azzjoni intiża li tannulla dan il-pjan għandhom l-obbligu li jieħdu l-miżuri kollha ġenerali jew partikolari sabiex jipprovdu rimedju għan-nuqqas ta' tali evalwazzjoni.

(ara l-punt 43)